MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1670/1998/1

**George Sayeba**

**vs**

**Romina Cilia u Mario Gatt**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Awissu 1998 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fis-19 ta' Lulju 1996 waqt li l-konvenuta Rowina Cilia kienet qiedgha ssuq il-vettura bin-numru W-9504 fit-Triq Bordin kantuniera ma' Triq Qrejten Msida minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku hija baqghet diehla gol-vettura numru X-1741 misjuqa mill-konvenut l-iehor Mario Gatt u li fiha kien hemm l-attur bhala passiggier;

Illi b'rizultat ta' dan l-incident l-attur sofra danni rizultanti minn korriment serju u ta' natura gravi li jwasslu ghal inkapacita ta' natura permanenti, liema inkapacita twassal ghad-danni attwali kif ukoll sejra twassal ghal danni futuri *lucrum cessans* u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza;

Illi l-konvenuti kienu responsabbli ghal dawn id-danni permanenti *stante* illi l-attur kien passiggier f' wahda mill-vetturi involuti fl-incident imsemmi;

Illi l-konvenuti personalment kif ukoll *tramite* l-assikurazzjoni taghhom interpellati sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni kollha sofferti mill-attur baqghaw inadempjenti, kellha ssir dina l-kawza;

Illi, l-istess attur talab lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Il-konvenuti jew min minnhom kien responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fis-19 ta' Lulju 1996 gewwa l-Imsida u li rizultat tieghu l-attur sofra korriment serju ta' natura gravi li jwasslu ghall-inkapacita' ta' natura permanenti;

2. Ghaliex dawn id-danni m' ghandhomx jigu minn dina l-Qorti likwidati *okkorrendo* bl-opera ta' Periti nominandi;

3. Ghaliex il-konvenuti jew min minnhom m' ghandhomx jigu kkundannati jhallsu lill-attur dawk id-danni li jigu hekk likwidati kif fuq intqal flimkien mal-imghaxxijiet legali;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti komprisi dawk tal-ittri ufficjali tad-29 ta' Awissu 1996 u ta' Jannar 1997 kif ukoll l-imghaxxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Awissu 1996 u l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal datat 9 ta' Marzu 1999.

Rat in-nota tal-attur George Sayeba, datata 28 ta' April 1999, a fol. 9, li permezz taghha prezenta rapport mediku tal-ispecjalista Dr. C. Apap Bologna.

Rat in-nota tal-attur George Saybea, datata 28 ta' April 1999, a fol. 12 tal-process, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal datat 6 ta' Mejju 1999.

Rat ir-rikors tal-attur George Sayeba datat 2 ta' Awissu 1999, a fol. 22, fejn talab umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzah li jinnotifika lill-konvenuta Romina Cilia permezz tal-procedura tal-affissjoni u dan *ai termini* tal-**artikolu 187 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura** Civili.

Rat id-digriet datat 3 ta' Awissu 1999, fejn il-Qorti laqgha it-talba w ordnat tali notifika *ai termini* tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.**

Rat il-verbal tas-7 ta' Ottubru 1999, fejn Dr. Jeanne Pia Mifsud Bonnici ghall-attur infurmat lil Qorti li saret l-pubblikazzjoni ghalkemm in-notifika fil-Gazetta Lokali ghalkemm prezentata b' nota ghadha ma dahlitx fil-process.

Rat il-verbal datat 16 ta' Dicembru 1999.

Rat in-nota tal-attur datata 20 ta' Jannar 2000, a fol. 31 tal-process.

Rat il-verbal datat 20 ta' Jannar 2000, fejn Dr. Noel Camilleri prezenta nota bin-notifika fil-gazetta lokali.

Rat il-verbal datat 21 ta' Marzu 2000.

Rat il-verbal datat 23 ta’ Marzu 2000, fejn xhedu bil-gurament taghhom on tape Dr. Maria Sciberras u PS 78 Joseph Cremona. Il-Qorti nnominat lil Dr. Charles Sciberras biex jezamina l-attur u jirrellata dwar l-allegata dizabilita’ permanenti.

Rat ix-xhieda ta’ Dr. Maria Sciberras minn fol. 45 sa fol. 49 49 tal-process.

Rat ix-xhieda tal-PS 78 Joseph Cremona minn fol. 50 sa fol. 52 tal-process.

Rat iv-verbal datat 12 Lulju 2000 u dak datat 9 ta’ Ottubru 2000.

Rat ir-rapport mediku minn fol. 56 sa fol. 59 tal-process.

Rat il-verbal datat 16 ta’ Ottubru 2000, fejn il-Perit Mediku halef ir-rapport.

Rat il-verbal datat 22 ta’ Novembru 2000, fejn Dr. Jeanne Pia Mifsud Bonnici ghall-attrici talbet li teskuti l-Perit Mediku Mr. Carmel Sciberras.

Rat in-nota tal-attur George Sayeba, datata 12 ta’ Jannar 2001, a fol. 62, li permezz taghha prezenta numru ta’ domandi in ekussjoni li huwa xtaq li jigu posti fuq l-Espert Mediku Mr. Carmel Sciberras M.D. M.R.C.S.

Rat il-verbal datat 15 ta’ Jannar 2001.

Rat il-verbal datat 12 ta’ Frar 2001, fejn Dr. Noel Camilleri ghall-attur irrileva li ghalkemm hareg il-mandat ta’ tahrik ta’ xhieda dan ma giex notifikat, u fil-fatt m’ hemm l-ebda riferta.

Rat il-verbal datat 26 ta’ Frar 2001.

Rat il-verbal datat 26 ta’ Marzu 2001, fejn xhed il-Perit Mediku Mr. Carmel Sciberras.

Rat ix-xhieda tal-Perit Mediku Mr. Carmel Sciberras minn fol. 77 sa fol. 88 tal-process.

Rat il-verbal datat 26 ta' Gunju 2001, fejn Dr. Jeanne Pia Mifsud Bonnici nfurmat lil Qorti li t-transazzjoni ma sehhitx. Dr. Mifsud Bonnici talbet li l-kawza tibqa' ghas-sentenza bil-fakolta' ta' noti. Il-Qorti laqghat it-talba u prefiggiet terminu ta' hamsin (50) jum mid-data tal-verbal bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu hamsin (50) jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-6 ta' Dicembru 2001.

Rat id-digriet datat 20 ta' Settembru 2001, fic-cirkostanzi l-Qorti ordnat is-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza *stante* li sa tali datata ma rizultax li saret in-notifika valida skond il-ligi *ai termini* tal-**artikolu 173 (3)** peress li fil-konfront ta' Romina Cilia ma saritx in-notifika bl-affissjoni, u ghalhekk l-attur kellu jirregola ruhu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Romina Cilia datata 6 ta' Dicembru 2001 a fol. 93, fejn eccipiet bir-rispett:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-attur kemm fil-*a tempo vergine* kif ukoll sa zmien konsiderevoli wara l-incident qatt ma lmenta dwar xi korriement li huwa sofra b' rizultat tal-istess incident in kwistjoni;

2. Illi subordinatment u bla pregudizzju ghall-premess, billi l-attur ma pprezenta rapport mediku u wisq anqas ikkwantifika t-talba *ossia* allegazzjoni tieghu l-azzjoni odjerna hija ntempestiva u l-esponenti m' ghandux ibaghti ebda spejjez tal-proceduri odjerni;

3. Illi salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Romina Cilia u l-lista tax-xhieda a fol. 93 u fol. 94.

Rat il-verbali datat 6 ta' Dicembru 2001, fejn Dr. Ivan Gatt ghall-konvenuta nforma lil Qorti li dak li qed jigi kkontestat

mill-konvenuta huma d-danni. Dr. Gatt irriserva li jinnomina Periti Perizjuri.

Rat il-verbal datat 26 ta' Frar 2002, Dr. Gatt ghall-konvenuti talab in-nomina ta' Periti Perizjuri. Il-Qorti fic-cirkostanzi laqghat it-talba u nominat lil Mr. Charles Grixti, Mr. Frederick Zammit Maempel u Mr. Anthony Bernard.

Rat ir-rikors tal-avukati difensuri tal-partijiet, datat 25 ta' April 2002, a fol. 103, fejn talbu lil din l-Qorti biex tissostitwixxi l-Kirurgu Zammit Maempel bil-Kirurgu Raymond Gatt bhala wiehed mill-Periti Perizjuri nominati minnha.

Rat id-digriet datat 26 ta' April 2002, fejn il-Qorti nominat lil Dr. Anthony Bernard biex jissotitwixxi lill-Kirurgu Fredrick Zammit Maempel.

Rat id-digriet datat 6 ta' Mejju 2002, fejn il-Qorti nominat lil Dr. Raymond Gatt sabiex jissotitwixxi lill-Kirurgu Fredrick Zammit Maempel.

Rat il-verbali datati 8 ta' Mejju 2002, 31 ta' Ottubru 2002, 6 ta' Frar 2003, 11 ta' Marzu 2003, 2 ta' April 2003, 14 ta' Mejju 2003, 16 ta' Ottubru 2003 u 20 ta' Novembru 2003.

Rat ir-rikors ta' Mr. Charles Grixti, Mr. Anthony Bernard u Mr. Raymond Gatt datat 26 ta' Novembru 2003, fejn talbu umilment lil dina l-Onorabbli Qorti biex tiddiferixxi s-smigh tal-kawza ghal gurnata u hin li jidrilha opportun sabiex huma jkunu jistghu jespletaw l-inkarigu assenjat lilhom.

Rat id-digriet datat 2 ta' Dicembru 2003, fejn il-Qorti ordnat lil Periti addizzjonali biex jahilfu r-rapport fir-registru qabel id-differiment li kien imiss.

Rat il-verbal datat 21 ta' Jannar 2004.

Rat il-verbal datat 23 ta' Marzu 2004, fejn Dr. Noel Camilleri ghall-attur *in vista* tal-fatt li din kienet ir-raba' darba ghall-hlas tar-rapport tal-Periti Perizjuri, li kellu jithallas mill-konvenuta u baqa' ma thallasx, jitlob li din il-

Qorti tirrevoka n-nomina tal-Periti Perizjuri. Il-Qorti laqghat it-talba.

Rat il-verbal datat 15 ta’ Gunju 2004, fejn Dr. Noel Camilleri ghall-attur kellu jipprezenta nota b’ dokumenti fi zmien hmistax-il (15) gurnata mid-data tal-verbal u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Ottubru 2004.

Rat il-verbal datat 27 ta’ Ottubru 2004 fejn il-kawza baqghat differita ghas-sentenza ghal 25 ta’ Novembru 2004.

Rat il-verbal datat 25 ta’ Novembru 2004 fejn il-kawza baqghat differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2004.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PROVI PRODOTTI

Rat ir-rapport mediku tal-ispecjalista Dr. C. Apap Bologna li gie prezentat mill-attur George Sayeba fit-28 ta’ April 1999. Rat l-affidavit tal-attur George Sayeba li gie prezentat premezz ta’ nota datata 28 ta’ April 1999 u jinsab a fol. 13 u fol. 14 tal-process. Rat ix-xhieda ta’ Maria Sciberras u PS 78 Joseph Cremona li xhedu nhar it-23 ta’ Marzu 2000 bil-gurament taghhom quddiem din il-Qorti. Rat ir-rapport tal-Perit Mediku Mr. Carmel Sciberras, li jinsab minn fol. 56 sa fol. 59 tal-process. Rat ukoll ix-xhieda ta’ Mr. Carmel Sciberras datata 26 ta’ Marzu 2001.

### (II) RESPONSABILITA’ TA’ L-INCIDENT.

Illi l-kawza titratta dwar kollizzjoni li saret fi Triq Bordin, Msida, kantuniera ma’ Triq Qrejten, Msida, meta l-konvenuta li kienet qed isuq il-vettura l-vettura Reg. No. W

– 9504, habtet mal-karozza misjuqa mill-konvenut Mario Gatt, Reg. No. X –1741, u saret il-kollizzjoni. L-attur kien passiggier fil-karozza misjuqa mill-konvenut Mario Gatt.

Illi jirrizulta mix-xhieda kollha prodotta u wkoll mill-okkorenza u l-iskizz u *r-road accident report* ta' l-incident li fit-triq minn fejn kienet gejja l-konvenuta Romina Cilia, u cioe' Qrejten Street, hemm *stop sign* mal-art. Jirrizulta li l-istess konvenuta ma' waqfitx meta rat l-istess stop sign u baqghet diehla gio Qrejten Street, ghaliex skond hija ma rat l-ebda karozza gejja fid-direzzjoni taghha, allegazzjoni li hija manifestament inkorretta *stante* li fl-istess triq kien gej l-istess Mario Gatt minn Triq Bordin, tant li fil-fatt saret il-kollizzjoni deskritta minn PS 78 Joseph Cremona. Skond l-istess xhud l-intenzjoni tal-konvenuta kienet li taqsam it-triq u tibqa' sejra n-naha l-ohra.

Illi mill-provi kollha prodotti m'hemmx dubju li la darba kien hemm '*Stop Sign'* minn fejn harget il-konvenuta hija kellha l-obbligu li tieqaf u qabel ma johrog ghat-triq u taqsam ghad-dritt kellha l-obbligu li tesplora sewwa t-triq. Illi kif ikkunsidrat l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza '**L-Avukat Dottor Stephen Thake noe et vs Reverendu Patri Ingnatius Paul Axisa**' (13 ta' Frar 1997) u wkoll din il-Qorti fil-kawza **"Carmelo Sheridan et vs Joseph Cutajar"** (P.A. (RCP) 13 ta' Lulju 2000):-

"*L-'stop sign' hu ordni perentorju li d-driver tal-vettura assigurata mad-ditta attrici kien jehtieglu jobdi biex <u>minn warajh</u> jeslpora t-traffiku li jkun hemm fuq l-arterja principali w ma jassardax jirfes fuqha qabel ikun ghal kollox cert li seta' jaghmel dan u jtemm il-manuvra li ried jaghmel …"*.

Illi in effetti din il-versjoni tal-attur hija kkoroborata mid-dokumenti esebiti u mill-kontenut tal-okkorenza li saret *a tempo vergine* fuq dak li l-partijiet qalu lill-ufficjal tal-pulizija investigativ, u allura fid-dawl tal-premess, il-konvenuta Romina Cilia ghandha tinzamm responsabbli ghall-incident li sehh fid-19 ta' Lulju 1996 u ghalhekk responsabbli ghall-konsegwenti danni sofferti mill-istess

attur, li kien passiggier fl-istess vettura misjuqa minn Mario Gatt, li fiha baqghet diehla l-konvenuta.

**(III) LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.**

Illi mir-rapport tal-espert mediku nkarigat mill-Qorti Carmel J. Sciberras datat 9 ta' Lulju 2000 jirrizulta li kawza tal-istess incident l-istess attur soffra dizabilita' permanenti ta' seba' fil-mija (7%) u referenza ssir ghall-istess rapport ghal l-ispegjazzjoni tal-istess.

Illi jirrizulta li l-istess attur ghandu *on average* introjtu ta' Lm4,859.50 *gross* fis-sena kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti bhala Dok. "GS 1" u Dok. "GS 2, u jirrizulta li l-istess attur kellu 51 sena meta gara l-incident fis-sena 1996.

Illi l-Qorti ser tadopera adoperat *multiplier* ta' ghaxar (10)-il sena ghal *working life expectancy*. Ghalhekk illikwidat d-danni kif gej:-

- Lm4,859 x 10 x 7% = Lm3,401.65c

*In vista* tal-gurispudenza recenti mbaghad, in vista tal-fatt li ghaddew seba' (7) snin minn meta sehh l-incident u b'referenza ghas-sentenzi **"Angelo Galea vs Joseph D'Agistino et"** (P.A. (JSP) 16 ta' Dicembru 1996) u **"Olga Busuttil et vs Raymond Muscat"** (P.A. (GCD) 6 ta' Gunju 1997) u **"Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et"** (P.A. (JSP) 13 ta' Jannar 1998) u **"Darren Sammut vs Eric Zammit"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001) la darba ghaddew aktar minn seba' (7) snin mid-data tal-incident it-tnaqqis ghall-*lump sum payment* ma ghandux ikun ta' iktar minn 4% b'dan ghalhekk li l-ammont fuq indikat ghandu jinzel b'Lm136.07 ghall-Lm3,265.49.

Illi ghalhekk it-tieni (2) u t-tielet (3) talba attrici ghandhom jigu milqugha fl-ammont ta' tlett elef, mitejn u hamsa u sittin lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (Lm3,265.49).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut Mario Gatt, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Romina Cilia, tillibera lill-istess l-konvenut Mario Gatt mill-osservanza tal-gudizzju, u **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenuta Romina Cilia bhala l-persuna li kienet responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fis-19 ta' Lulju 1996 gewwa l-Imsida u li rizultat tieghu l-attur sofra korriment serju ta' natura gravi li wassal ghall-inkapacita' ta' natura permanenti;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur kawza ta' l-istess incident fl-ammont ta' tlett elef, mitejn u hamsa u sittin lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (Lm3,265.49).

3. Tikkundanna lill-konvenuta Romina Cilia thallas lill-attur l-ammont ta' tlett elef, mitejn u hamsa u sittin lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (Lm3,265.49) in rappresentanza tad-danni li gew hekk likwidati abbazi tat-tieni talba attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-konvenut Mario Gatt u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa' l-effettiv pagament kontra l-istess konvenuta Romina Cilia.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------